# L-UŻU TAT-TEKNOLOĠIJA FIT-TNISSIL TA' ĦAJJA UMANA

"Insemmilkom issa eżempju li mhux tant ordinarju imma li qed ikun suġġett għad-diskussjoni tal-poplu tagħna. Illum għandna koppji, u forsi anke koppji li mhumiex miżżewġin, illi tant jinħabbu li jixtiequ li l-imħabba tagħhom ikollha l-frott, imma minħabba xi diffikultà fin-natura tagħhom mhux possibbli li xewqithom titwettaq; għalhekk jirrikorru għal ċerta għajnuna medika biex isir proċess fil-laboratorju fejn bil-koperazzjoni tar-raġel u l-mara titnissel il-ħajja.



Wieħed ma jistax ma jħossx ma' dawn il-koppji: l-għożża tagħhom għall-ħajja hija ta' min ifaħħarha, u x-xjenza għandha tkompli tesplora kif tista' tgħin lil dawn il-koppji biex bir-rispett lejn ir-regoli li kienu miktuba fin-natura stess dawn jistgħu jgawdu l-frott tal-imħabba konjugali. Il-knisja mhix insensittiva quddiem din il-problema.

Huwa tajjeb li f'din id-diskussjoni jissemma li f'dan il-proċess ix-xjenza għandha tħares is-saħħa tal-omm, u tkun evitata kull prassi li tqiegħed fil-periklu l-ħajja tal-omm.

Huwa tajjeb ukoll li fostna hemm preokkupazzjoni biex tingħata attenzjoni għall-ħajja tat-tarbija jew trabi li jiġu mqegħda fil-ġuf tal-omm li tkun assistita fil-proċess tat-tnissil.

Però daqskemm huwa importanti li tkun rispettata l-ħajja tal-omm u l-ħajja tat-tarbija mnissla u mqiegħda fil-ġuf daqshekk ieħor aħna fid-dmir li nipproteġu l-ħajja ta' dak il-bajd fertilizzat li jibqa' ma jitqiegħedx fil-ġuf. L-abbandun ta' dawn it-trabi huwa abort.

*(Silta minn Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech waqt il-funzjoni tal-Acies tal-Leġjun ta' Marija, Knisja Parrokkjali tax-Xewkija, il-Ħadd, 29 ta' Marzu 2009)*

---

***Mill-Kalendarju Djoċesan:***

*Il-Ħadd 24 ta' Mejju:* Festa ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema /
It-43 Jum tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali

## It-Talba tal-ġimgħa

Grazzi Ġesu' ta' din l-intimita' li trid li jkollok miegħi. Agħmel li jkolli fedelta' għal dak li titlob minni, biex nikseb il-ferħ tar-rabta tiegħi miegħek.

gozopress • 21551534



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

## Sena Pawlina 2008 - 2009

**Is-6 Ħadd tal-Għid • Sena B • L-40 Sena (2094) • 17 ta' Mejju 2009**



Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti, kif jiena ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu. "Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ. Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien. Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Intom ħbiebi, jekk tagħmlu dak li jiena nikkmandakom. Ma nsejjħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kull ma smajt mingħand Missieri jiena għarrafthulkom. Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa', ħalli kull ma titolbu lill-Missier f'ismi, huwa jagħtihulkom. Dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin. (Gw. 15, 9-17)

**RIFLESSJONI**

- Qed nagħraf l-imħabba kbira li Ġesu' għandu għalija : bl-istess imħabba li biha ħabbu l-Missier?
- Kif inħares lejn il-kmandamenti bħala mezz qawwi biex jien nibqa' fl-imħabba tiegħu?
- Nifhem li dak li qed jitlob minni Alla huwa biex niksbu l-ferħ fil-milja tiegħu?
- Napprezza s-sens ta' ħbiberija li qed joffrili Ġesu', biex jiftaħ qalbu miegħi?
- Kif inħares lejn il-fatt li kien Ġesu' li għażilni u qed jibgħatni nagħmel il-frott f'ismu?